

**Brussell, 22 ta' Mejju 2026  
(OR. en)**

**12921/25**

**LIMITE**

**CORLX 894  
CFSP/PESC 1342  
RELEX 1176  
COMET 70  
COTER 155  
FIN 1076**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

**Suġġett:** **REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2024/386 li jistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Famas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina**

---

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2024/386**

**li jistabilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw  
jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 li tistabilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Hamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina<sup>1+</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L ..., ELI ....

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru u d-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST10886/25 u daħħal ir-referenza tal-ĠU/ELI ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota fqiegħ il-paġna.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/386<sup>2</sup> jagħti effett lid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/385<sup>3</sup>, u jipprevedi ċerti miżuri kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina, inkluż l-iffriżar tal-assi tagħhom.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u tat-22 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Ewropew appella lill-Kunsill biex jaċċellera l-ħidma fuq l-adozzjoni ta' aktar miżuri restrittivi rilevanti kontra l-Ħamas. Fit-28 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill żied sitt individwi u tliet entitajiet mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew iddeplora r-rifjut tal-Ħamas li jeħles l-ostaġġi li fadal.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/386 tad-19 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina (ĠU L, 2024/386, 19.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/386/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/385 tad-19 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina (ĠU L, 2024/385, 19.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/385/oj>).

- (3) Il-Ħamas għadha tirrappreżenta theddida għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali. L-azzjonijiet vjolenti tagħha jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Bureau Politiku tal-Ħamas ('Politburo') huwa l-korp deċiżjonali ewlieni tal-grupp u jiddetermina l-politiki soċjali, politiċi u militari tiegħu. B'mod partikolari, il-fergħa militari tal-Ħamas ( Hamas-Izz al-Din al-Qassem) hija soġġetta għall-politiki ġenerali deċiżi mill-Politburo u konsistentement wiegħdet lealtà lejn il-Politburo. Barra minn hekk, il-membri tal-Politburo għandhom għarfien tal-ippjanar, it-tnejnija u l-eżekuzzjoni ta' azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas. Huma jippromwovu, jiddefendu u jġġustifikaw ukoll azzjonijiet vjolenti bħal dawn, li spiss jheddu jew iwissu pubblikament dwar imġiba futura simili. Għalhekk, il-Kunsill iqis li l-membri tal-Politburo għandhom rwol sinifikanti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-Hamas u jeżerċitaw influwenza konsiderevoli fuq l-azzjonijiet tal-Hamas, inklużi l-azzjonijiet vjolenti tagħha. Għalhekk, huma jerfgħu r-responsabbiltà ġenerali għal dawk l-azzjonijiet.
- (4) Sabiex jittrażżnu l-azzjonijiet vjolenti mill-Hamas, fi..., il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/...<sup>+</sup>, li tipprevedi miżuri restrittivi, fil-forma ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn membri tal-Politburo. Madankollu, jenħtieġ li l-membri tal-Politburo ma jkunux soġġetti għal tali miżuri restrittivi jekk ikun hemm biżżejjed informazzjoni li turi li ma jeżerċitawx influwenza fuq l-azzjonijiet vjolenti mwettqa mill-Ħamas.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test id-data tal-adozzjoni u n-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 10886/25.

- (5) Id-Deciżjoni (PESK) 2026/...<sup>+</sup> temenda wkoll it-titolu tad-Deciżjoni (PESK) 2024/385.
- (6) Il-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament jaqgħu fi h'dan il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, b' mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/386 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 10886/25.

## Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2024/386 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/386 tad-19 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi miżuri restrittivi kontra l-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina u dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu l-azzjonijiet vjolenti tagħhom”;

(2) fl-Artikolu 2, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“4. L-Anness I għandu jinkludi wkoll persuni fiżiċi li huma membri tal-Bureau Politiku tal-Ħamas ('Politburo').

5. Il-membri tal-Politburo ma għandhomx jiġu inklużi jew miżmuma fuq il-lista ta' persuni u entitajiet fl-Anness I jekk ikun hemm biżżejjed informazzjoni li turi li ma jeżerċitawx influwenza fuq l-azzjonijiet vjolenti mwettqa mill-Ħamas.”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*